22 ta' Frar, 1965.

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Terence David

*versus*

Alfred Abela

*Huwa xieraq li min jiġi nominat bħala perit f'kawża ċivili jkun jgawdi l-fiduċja tal-partijiet. Il-Qorti għandha tinnomina l-perit li dwaru jaqblu l-partijiet kollha; jekk ma jaqblux tagħżel hi. Meta l-Qorti tinnomina tliet periti, it-tnejn proposti mill-partijiet, u ieħor magħżul minnha, dan ma jistax jiġi rikużat ħlief b'motivazzjoni; dwar il-perit propost mill-parti, il-parti l-oħra għandha dritt li tirrikuża wieħed perentorjament. Meta l-Qorti tinnomina perit wieħed, kull waħda mill-partijiet għandha d-dritt li tirrikużah perentorjament u dan għal darba biss.*

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla li biha l-attur fuq il-premessi illi fit-tnax ta' Mejju, 1964 il-konvenut waqt li kien isuq it-truck numru 24813 min Għajn Tuffieħa għal San Pawl il-Baħar, ħabat ma'-attur li kien isuq il-karozza numru 20759 fid-direzzjoni opposta; illi b'dik il-kolliżjoni l-attur sofra danni rilevanti li jirriserva li jillikwidhom f'ġudizzju separat, u illi dik il-kolliżjoni ġrat minħabba nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, imprudenza fis-sewqan u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut talab

li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għad danni kaġonati lill-attur *fil-kolliżjoni msemmija* — *salva kull azjoni* għal-likwidazzjoni u pagament tad-danni *spettanti* lill-attur.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha ssottometta li l-kolliżjoni riferita fiċ-ċitazzjoni ġrat minħabba tort tal-attur u għalhekk id-domanda hemm kontenuta għandha *tiġi* respinta bl-ispejjeż.

Rat id-digriet ta' dik l-Onorabbli Qorti tal-erbgħa u għoxrin ta' Ġunju 1964, li bih innominat bħala perit legali lill-Avukat Dottor Alfred Mifsud biex jirrelata dwar id-domanda tal-attur u tagħtu l-fakoltajiet hemm imsemmijin.

Rat ir-rikors tal-konvenut ippresentat fl-erbgħa ta' Lulju, 1964 li bih irrikuża perentorjament lill-istess perit legali u talab is-sostituzzjoni tiegħu.

Rat id-digriet ta' l-istess Qorti tal-ħdax ta' Novembru, 1964 li bih ċaħdet it-talba tal-konvenut magħmulha bl-imsemmi rikors fuq il-motiv illi hu ma ġġustifika bl-ebda mod quddiem il-Qorti r-rikużazzjoni minnu mitluba bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat ir-rikors li bih il-konvenut appella mid-digriet l-aħħar imsemmi u talab ir-revoka tiegħu bl-ispejjeż kompriżi dawk tar-rikors ta' l-erbgħa ta' Lulju, 1964.

Rat l-atti tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

*L-ilment* ta' *l-appellant* kontra d-digriet appellat huwa illi hu ma kienx tenut li jindika motiv għar-rikużazzjoni, għaliex hu kien qed jipprevalixxi ruħu mid-dritt li jirriku-

ża perentorjament perit ġudizzjarju, dritt li l-liġi tagħti lil kull parti fil-kawża (art. 648 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili kombinat ma l-art. 650 u argument mill-art. 651). Dan id-dritt, — jissokta jgħid *l-appellant* — *jispetta lil parti fil-kawża almenu darba waħda u jista jiġi eżerċitat anki wara* li l-istess parti tkun għamlet rikużżazjoni motivata (art. 650). Il-poter mogħti lill-Qorti bl-art. 651 ma jħalli ebda dubju fuq id-dritt li tingħata rikużazzjoni perentorja. Dan id-dritt ta' rikużazzjoni perentorja għandu bħala bażi "la fiducia che le parti devono nutrire in chi è chiamato a fungere il delicato ufficio di perito nella causa" (Vol. XXVIII, I, 837) kif ukoll il-fatt illi — kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna, — *il-perit f'kawża hu konsidrat bħala mandatarju tal-*kollitiganti (Vol. XXVII, I, 246 u VIII p. 589) u bħala mandatarju kostitwit minn diversi persuni għal affari komuni (XVI, II, 201). Għalhekk, — jikkonkludi l-appellant — id-d griet appellat għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi.

Għal raġunijiet ovvji huma deżiderabbli illi l-persuna jew persuni nominati bħala periti f'kawża ċivili jkunu jgawdu l-fiduċja tal-partijiet. Dana jidher impliċitu fid-dispożizzjoni tas-subartikolu (1) ta' l-art. 646 tal-Kodiċi ta' *Proċedura* Ċivili li tgħid illi meta l-partijiet jiftehmu li jipproponu perit wieħed biss, il-Qorti għandha taħtar il-persuna li fuqha l-partijiet ikunu ftehmu.

Fil-każ preżenti ma jidherx illi l-partijiet kellhom l-opportunita jew, għall-inqas, ippruvaw li jiftehmu fuq il-perit li kellu jiġi nominat. Dottor Borg qal lill-Qorti waqt l-appell (ara verbal tad-29 ta' Jannar, 1965) illi qabel l-ewwel Onorabbi Qorti nnominat lill Dottor Mifsud, hu kien issuġġerixxa l-isem ta' persuna oħra, anzi ta' tnejn. Iżda Dottor Mifsud Bonnici, avukat ta' l-attur, ma jidherx li kien preżenti f'dik is-seduta u, kwindi, ma satax la' jaqbel u anqas ma

jaqbelx ma l-isem jew wieħed mill-ismijiet suġġeriti minn Dottor Borg għall-konvenut.

Issa mid-disposizzjonijiet kombinati tas-subartikoli (2) u (3) ta' l-imsemmi artikolu donnu jidher illi, ħlief meta l-partijiet iħallu f'idejn il-Qorti li tinnomina perit wieħed, il-Qorti ma tistax tinnomina perit wieħed hija **ħlief jekk il-partijiet ma jkunux qablu fuq il-perit wieħed li għandu jiġi nominat.** Infatti s-subartikolu (2) jiddisponi illi "meta l-partijiet ma jiftehmux u **l-Qorti** wara li tqis il-valur żgħir ta' l-oġġett fil-kawża jew l-urġenza tal-każ inkellha meta l-ħtieġa jew iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ikunu hekk jitolbu, **jidhrilha xieraq li taħtar perit** wieħed biss, **l-Qorti taħtar perit wieħed.** Id-diskrezzjoni tal-Qorti li tieħu konsiderazzjoni ta' l-entita żgħira nvoluta, l-urġenża, *in-neċessita* u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, hi **konġunta** jew **kumulata** ma l-presuppost illi l-partijiet ma jkunux ftehmu fuq il-perit wieħed li għandu jiġi nominat.

Kieku l-partijiet ma qablux fuq il-perit wieħed li kellu jiġi nominat, ma kienx ikun hemm kwistjoni illi d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti għan-nomina ta' perit wieħed biss fil-każ preżenti kienet tkun indubbjament ġiet eżerċitata sewwa, attiżi ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Iżda kif ġa ntqal, dak in-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet ma jirriżultax. L-appellant, għalhekk, issottometta lill-Qorti, waqt it-trattazzjoni ta' l-appell, illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħatx, skond il-liġi, tagħmel in-nomina ta' Dottor Mifsud, sa kemm l-appellat ma kienx iddisapprova l-isem tal-perit jew iż-żewġ ismijiet suġġeriti minn Dottor Borg għall-istess appellant, jew talvolta sa kemm ma kienetx tirriżulta xi raġuni tajba skond il-liġi għall-esklużżjoni tagħhom.

Il-Qorti taħseb illi dan l-ilment hu fondat. Però, fir-ri-

kors ta' l-appell, din m'hijiex ir-raġuni li għaliha d-digriet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti ġie mpunjat. Kif ġa ssemma aktar il-fuq ir-raġuni ta' l-aggravju ta' l-appellant, dedotta firrikors ta' l-appell, hija illi hu kellu d-dritt jirrikuża lil Dottor Mifsud **perentorjament** u l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellux dritt skond il-liġi li tiċħad dik ir-rikuża jew li tesiġi mingħandu l-motivi tagħha.

Il-Qorti, wara li ħasbet sewwa, jidhrilha għalkemm mhux mingħajr ċerta eżitazzjoni, illi anki dan l-ilment hu fondat.

Il-liġi tagħna tirrikonoxxi d-dritt tar-rikużazzjoni perentorja, għaliex tieħu rigward tas-sentiment ta' sfiduċja versu persuna partikolari li parti f'kawża jista jkollha anki mingħajr motiv suffiċjenti jew meta ma jkollhiex il-mezzi biex tipprova l-motiv ta' l-isfiduċja tagħha jew ma tistax jew **ma tridx** timmanifesta l-motiv. Pero biex jiġu mpediti l-abbużi dan id-dritt hu limitat bid-disposzzjonijiet li l-liġi stess tagħmel.

Kieku wieħed kellu joqgħod biss fuq dak li jiddisponi l-artikolu 648 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-konklużżjoni kienet tkun ċara illi r-rikużazzjoni perentorji tapplika biss għall-periti proposti **mill-parti** avversa. Dak l-artikolu jgħid illi "kull waħda mill-partijiet, tista tirrikuża, bla ma tagħti raġuni, **wieħed mill-periti proposti mill-parti l-oħra.** Ma jingħatax li jsiru rikużi oħra ħlief għal raġuni tajba."

Iżda mill-kompless tad-disposizzjonijiet l-oħra donnu jidher illi dak l-artikolu qed jikkontempla biss il-każ meta l-periti *għandhom ikunu* ***iżjed minn wieħed*** *u kull waħda* mill-partijiet għandha d-dritt li tipproponi wieħed kif maħsub fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 646. Difatti, in kon-

trappost għad-dritt ta' rikuża perentorja ta' kull waħda mill-partijiet, **f'dak il-każ,** għal wieħed mill-periti proposti mill-parti l-oħra, insibu fl-art. 652 (1) l-esklużżjoni ta' dak id-dritt, għall-perit, **f'dak il-każ,** nominat mill-Qrati bħala **t-tielet perit.** Din id-disposizzjoni tgħid illi l-pert maħtur mill-Qorti bħala t-tielet perit ma jistax jiġi rikużat ħlief għal raġuni tajba.

Kieku l-imsemmi artikolu 648 kien ifisser illi, fil-każijiet kollha, ir-rikuża perentorja mhix applikabbli għall-periti nominati mill-Qorti, id-dispożizzjoni ta' l-imsemmi subartikolu (1) ta' l-art. 652 tidher li kienet tkun għal kollox superfluwa. Invece il-fatt illi din l-aħħar dispożizzjoni, tipprovdi espressament biex teskludi r-rikuża perentorja fil-każ tal-perit nominat **bħala terz,** donnu juri 'a contrario' illi dik ir-rikuża tista ssir meta l-Qorti tinnomina hi stess **perit wieħed** u illi l-artikolu 648, għad li jagħmel riferenza għall-periti proposti "mill-parti l-oħra" ma jfisserx illi, **meta hemm lok għan-nomina ta' perit wieħed biss,** dak nominat mill-Qorti ma jistax ukoll jiġi rikużat perentorjament. L-istess argument 'a contrario' jidher li jista jiġi dedott mill-artikolu 678 li jirrigwarda l-periti addizzjonali. Dawn, skond dak l-artikolu, **jiġu maħtura mill-Qorti** jekk il-partijiet **ma** jiftehmux fuq il-persuni li għandhom jinħatru **u ma jistgħux jiġu rikużati ħlief għal raġuni tajba.** Voldiri l-esklużżjoni tar-rikuża perentorja ġiet statwita espressament appuntu għaliex m'hemmx dispożizzjoni **ġenerali** u m'hemm **ebda** prinċipju li jeskludi dik ir-**rikuża** sempliċement għaliex il-persuna tkun ġiet magħżula mill-Qorti.

S'intendi meta l-partijiet jaqblu bejniethom dwar l-uniku perit li għandu jiġi nominat, il-kwistjoni ta' rikuża, la perentorja u anqas motivata, ma tqumx. Imma meta l-partijiet jew ma jaqblux bejniethom anqas li għandu jiġi

nominat perit wieħed biss iżda l-Qorti jidhirlha li perit wieħed hu biżżejjed, jew għad li jaqblu li għandu jkun hemm perit wieħed ma jaqblux dwar il-persuna, u l-uniku perit, fil-każ il-wieħed jew l-ieħor, jiġi nominat mill-Qorti, jidher illi kull waħda mill-partijiet tista, għal darba waħda biss, tirrikuża dak il-perit anki perentorjament.

Din il-konklużżjoni tidher imsaħħa minn dak li jiddisponi l-artikolu 651. Dan jgħid illi meta l-periti għandhom jiġu magħżula minn fost klassi limitata, il-Qorti tista tordna lill-partijiet biex jagħtu lista tal-persuni li huma jkunu bi ħsiebhom jirrikużaw perentorjament. Jidher li din id-disposizzjoni ma jistax ikollha rilevanza prattika ħlief biex il-Qorti **tinforma ruħha,** qabel ma tagħmel **in-nomina hi, fin-nuqqas** ***ta' ftehim tal-partijiet, ta'*** *perit* ***wieħed mażgħul minnha.*** **Ma** jidherx li jista jkollha rilevanza **għat-tielet** perit, *li l-Qorti tista tinnomina meta l-partijiet ikunu kull waħda ipproponiet wieħed, għax dak it-tielet perit ma jistax fi kwalunkwe każ, kif ġa ntqal, jiġi rikużat ħlief b'motivazzjoni: u ma jidherx li jista jkollha rilevanza għall-perit li tipproponi kull waħda mill-partijiet, għax għar-rigward ta' din il-parti l-oħra għandha fi kwalunkwe każ id-dritt li tirrikuża wieħed perentorjament bla ma l-Qorti jidher li jista jkollha ebda kontroll.*

Jekk hemm dubju dwar il-konċett legali tad-diversi disposizzjonijiet hawn fuq imsemmija il-Qorti għandha tażgħel dik l-interpretazzjoni li tidher li hi l-aktar konfaċenti ma l-iskop ġenerali ta' l-istitut u r-raġuni tiegħu. Kif jingħad ta' spiss, *il-ġustizzja mhux biss għandha tiġi amministrata sewwa iżda,* sa fejn hu possibbli, hu neċessarju wkoll li jidher manifestament u li l-partijiet iħossu li l-ġustizzja qed tiġi hekk amministrata. Hawn fuq ġa ssemma x'inhi r-raġuni li minħabba fiha l-liġi tagħna tammetti r-rikuża

perentorja, ċioe, jekk jista jkun, il-fiduċja li kull parti għandu *jkollha fil-perit ġudizzjarju*. S'intendi dan ma *jfisserx* — u l-Qorti tixtieq tgħidu enfatikament — illi dan għandu b'xi mod jirrifletti fuq il-perit nominat mill-ewwel Qorti. Imma l-liġi, bil-għoti tad-dritt tar-rikuża perentorja lill-partijiet, tirrispetta anki s-sempliċi preġudizzju. U fi kwalunkwe każ, la l-liġi tagħti dak id-dritt ma jispettax lill-Qorti li tinvestiga r-raġuni jew il-motiv għall-eżerċizzju tiegħu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa l-appell, tirrevoka d-digriet appellat u tiddikjara illi l-appellant kellu d-dritt għar-rikuża perentorja magħmula minnu.

L-ispejjeż, kollha ta' l-inċident minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu bla taxxa u d-dritt tar-Reġistru bin-nofs.